IL-MARA LIEBSA L-BLU

***Avukatessa ta' success giet toqghod go lokalita' kwieta f'Arizona u ghamlet minn kollox biex tnehhi xbieha tal-Vergni Mbierka mill-gnien tal-garr taghha.***

Dorothy, li l-girien kienu jsejhulha Dora ghal qosor, kienet ta' kuljum thalli d-dar taghha u tmur fil-gnien ta' quddiem id-dar taghha b'mug kafe u hemm fil-kwiet tixrob bela bela. Kellha 55 sena, armla ghal 15 il-sena u kienet tahdem bhala nfermiera fi sptar municipali fil-qrib. Damet tahdem 30 sena li matulhom hadet hsieb ta' mijjiet ta' pazjenti, rat trabi jitwieldu, rat anzjani u zaghzagh jghaddu ghall-hajja l-ohra. Tghallment li l-hajja hija qasira u li kull jum huwa don u grazzja minn Alla.

Meta zewgha miet, hasbet li ma kienitx kapaci tghix il-cirkustanzi ta' armla, imma waslet biex tirbah kull problema. Kienet tghix jum b'jum. Dejjem timxi fuq l-istess program li fasslet: tqum fis-6.30pm, thejji kikkra kafe, tmur fil-gnien, issaqqi l-pjanti, wara tersaq lejn statwa tal-Vergni Marija. Ix-xbieha kienet metru gholja, liebsa mantell blu, tista' tqis il-kulur tieghu mitfi bix-xemx ta' 15 il-sena, wicc helu u idejha miftuha bhallikieku tilqa' lil Dora kull darba li tmur izzurha. Kien l-ahhar rigal lizewgha Roy taha qabel miet. Roy dahal id-dar filghodu fil-jum tas-Sibt bi statwa. "Din ghalik. Naf kemm hija importanti l-fidi ghalik. Irrid li jkollok post specjali fejn



titlob." Tlett ijiem wara dahal l-isptar u ma giex lura d-dar. Imma x-xbieha baqghet hemm fil-gnien fejn Dora sabitilha

post xieraq fic-centru, fejn wiehed seta' jaraha meta jkun miexi fit-triq.

U kull jum Dora tmur quddiemha u titlob fis-silenzju, b'ghajnejha maghluqa, trodd hajr u titlob ghall-protezzjoni taghha. Il-girien taghha kienu jirrispettawha u jikbru fid-

devozzjoni lejn din l-Omm tas-Sema bl-ezempju li kienu jaraw minnha. Dora kienet ilha tagixxi hekk ghal 15 il-sena, sakemm giet toqghod hdejha, dar hdejn dar, garr gdid.

Diane dahlet fid-dar taghha gdida f'Settembru. Zewg trakkijiet waslu quddiem id-dar, il-haddiem bl-uniformi tal-kumpannija hattew kollox bil-galbu u wara ftit telqu. Dan kollu ratu Dora mit-tieqa tal-kcina taghha li kienet tati fuq it-triq principali.

Il-garr il-gdid kienet mara wahedha, pulita b'xagharha bjond, tidher li ma kellix aktar minn 40 sena u avukata ta' success, specjalista f'kawzi fejn kienu jillitigaw korporazzjonijiet kbar. Qatt ma kienet tilfet kawza. Fl-ewwel gimgha Dora semghitha targumenta mal-garr taghha Mr. Hawkins.

"Il-kelb tieghek jibda' jimbah mis-7.00 ta' filghodu, kuljum, jikser il-paci tat-triq kollha. Din haga mhux accettabbli."

Mr. Hawkins wegibha lura, "Mhux in-natura ta' kelb din li jimbah. Wara kollox ghadu ferh ta' sitt xhur"

U b'certa awtorita' fuq Mr. Hawkins hedditu, "Mela allura kkontrollah jew niehu azzjoni legali."

Anqas lahqu ghaddew tlett ijiem, kien imiss issa lil Mrs Right. "Ara Mrs. Right il-weraq mis-sigra tieghek qed jaqa' fil-gnien tieghi."

Mrs. Right wegbitha, “Kull ma hija sigra. Dan jekk jonfoh ir-rih hwejjeg bhal dawn tistenna. Wara kollox ma ghandix kontroll fuq ir-rih.”

Imma Diane b’certa rabja qaltilha, “Mela f’dak il-kaz ikri lil xi hadd biex inaddafflek il-gnien. Ma gejtx hawn biex il-gnien tieghi jithammeg minhabba li ma tiknisx il-gnien tieghek,” kompliet tinsisti Diane.

Fi ftit kliem l-inhawi twikkew b’mara li ma tistrieh qatt sakemm id-dinja tkun precizament il-mod kif tixtieq u trid hi. Kien il-karattru ta’ Diane, kollox preciz, kull bicca ghamara f’postha u xejn barra minn loku. Sahansitra, kull gimgha kienet iggib gennien biex johdilha hsieb il-gnien u jara li kull pjanta hija misbura pulit u l-fjuri kollha jinfethu f’kull stagun.

Kull meta kienet tohrog mid-dar, ghajnejha kienu jmorru fuq l-istatwa tal-Vergni Marija fil-gnien ta’ Dora. U kull darba kienet tonfoh. Dora innutat dan l-atteggjament. Wara tlett gimghat li kienet ilha toqghod hemm, Diane marret habbet  il-bieb ta’ Dora. Kienet ghadha kemm dahlet mill-quddies. "Hi, Diane. jghogbok tghaddi ghadni kemm ghamilt kejk tac-cikkulata u laring. Niehdu kikkra kafe flimkien,” stednitha Dora.

“Le ma hemmx ghalfejn. Gejt inkellmek fuq    ohra.” Dora basret fuqhiex. “Dik l-istatwa fil-gnien.”

Qalb Dora ghamlet tikk. “X’inqala?”

“Ara Dorothy qabel gejt noqghod hawn ghamilt studju u fittixt sew dwar dawn l-inhawi, inhawi li huma ta’ valur

kbir, stmati sew. U dik l-istatwa ma tixraqx ma' l-ambjent ta'madwar. Iva kull dar ghandha certu stil u certu apparenza u dik l-istatwa tispikka wisq. Tattira attenzjoni zejda."

Dora baqghet siekta ghal ftit sekondi, imbaghad qaltilha, "Diane dik l-istatwa hija rigal minghand zewgi qabel ma miet.

Diane ssuggeriet, "Nifhem li ghandha valur sentimentali, imma qatt hsbit li tpoggieha gewwa, fid-dar, jew fil-bitha fejn hadd ma jaraha."

Dora wegbitha, "Dik l-istatwa ilha hemm 15 il-sena. Anqas hadd qatt ma kkritikani fuqha, anqas dawk li huma ta' twemmin differenti."

"Precizament ghax ilha 15 il-sena. Forsi wasal iz-zmien li terga' tahsibha u taggorna l-affarijiet tieghek," baqghet tinsisti Diane.

Dora hadet nifs 'l gewwa, imbaghad kemmxejn infansta qaltilha car u tond bla tlaqlieq, "Jiddispjacini Diane, imma dik l-istatwa ser tibqa' fejn hi."

"Dora, qed nghidlek hekk minn naha ta' estetika. Tohodhiex personali," wissietha Diane. U hallietha minghajr ma sellmitilha. Fil-gimghat ta' wara Dora ndunat li xi affarijiet bdew jimbidlu.  Il-gara taghha fuq in-naha l-ohra tat-triq li ta' kull filghodu kienet ixxejrilha anqas bdiet thares aktar lejha. Il-koppja li kienu joqghodu fin-numru 47 u li wara nofsinhar kienu jieqfu jghidu kelmtejn

barra, issa malli kienu jarawha kienu jaqsmu lejn in-naha l-ohra tat-triq.

“Gejja Dora” kienu jghidu l-klijenti migbura biex jixtru l-hobz ghand il-furnar. “Smajtha ta’ l-ahhar? Diane qalet li l-istatwa tbaxxi l-valur tal-propjeta’. Jidher li Diane trid li assoccjazzjoni ta’ l-inhawi taghmel xi haga fuq dan. Povra Dora.” U Dora kienet tippretendi li ma semghet xejn, ghalkemm kienet taf mnejn dan is-seksik kollu kien gej.

Id-dar kienet tikbi. Dawk is-snin kollha tghix  l-inhawi tghin lil kulhadd meta kienu jigu fil-bzonn, tiehu hsieb it-tfal, tiehu l-ikel lill-morda u minfuq iseksku kontriha u jitbieghdu minnha. Hassitha mwegga li Diane kienet qed idawwar in-nies kontriha.

Xahar wara l-laqgha taghha ma’ Diane irceviet nota taht il-bieb li kienet stedina biex tattendi l-laqgha ta’ l-Assoccjazzjoni ta’ l-Inhawi. Agenda: l-Estetika ta’ l-Ambjent, agenda ffirmata minn Richard il-President ta’ l-Assoccjazzjoni, ragel ta’ 70 sena li kien ilu jghix fl-inhawi ghal ghexiren ta’ snin. Diane kienet prezenti fuq quddiem. Fetah il-laqgha Richard li qal li Diane xtaqet li tkellem lill-komunita fuq id-dehra ta’ l-inhawi.

Diane qamet bilwieqfa u bdiet id-diskors taghha. “Grazzi Richard. Sinjuri, jiena gejt noqghod hawn ghaliex dawn l-inhawi ghandhom reputazzjoni ta’ indafa, u livell ta’ estetika. Pero’ hawn xi nuqqasijiet li jehtieg li jigu konsiderati. Dekorazzjonijiet li jaghtu wisq fil-ghajn u ma jaqblux ma’ l-ambjent.”

Kulhadd kien jaf fuqhiex qed titkellem. Dora telitilha fawra ghall-wiccha u bla ma qaghdet tistenna li jistednuha titkellem qabzet u qalet, “Diane, jekk trid titkellem fuq l-istatwa tieghi, obsoqha minn halqek u nehhiha fuq l-istonku tieghek.”

“Kollox sew,” wegbitha Diane. “Dik l-istatwa religjuza fil-gnien tieghek ma tixraqx.”

“U ghaliex? Forsi ghaliex antika?” regghet indahlet Dora.

“Ghaliex taghmel it-triq tidher kerha. Dora wasal iz-zmien li timxi ‘l quddiem,” wegbitha Diane, “U tinsa l-passat.”

“Ma ghandek ebda dritt tkellimni hekk,” qalet Dora b’vuci mahnuqa u d-dmugh igelben minn haddejha.

“Qed inkun onesta. Xi hadd ried ikellmek,” wegbitha lura Diane.

Dora ma felhitx tirrispondi. Qamet minn postha u telqet ‘l barra, qalbha minfuda minn dulur li sfat insultata quddiem dawk in-nies. Dik il-lejla Dora ma setghetx torqod. Kliem Diane feriha, kienu kruduli. Qrib nofs il-lejl qamet u marret fil-gnien

Il-qamar kien kwinta u x-xbieha dehret tiddi fid-dawl ileqq, Dora nizlet gharkubtejha u talbet. “Omm tieghi x’ghandi naghmel? Incedi?” Talbet biex l-Omm taghha tas-Sema tigwidaha. Meta marret lura fis-sodda hassitha



ghajjiena u raqdet fil-fond. Hija holmot li tinsab fil-gnien

quddiem Marija, tad-demm u l-laham, wicc ta' tjubija li kien impossibbli li tiddeskrivieh, liebsa mantell blu. Xtaqet titkellem imma ma setghetx. Il-Vergni tbissmet u qaltilha, "Le, halli l-istatwa fejn hi. Tigi bzonnha."

"Min?" ippruvat tistaqsi Dor, "Min jigi bzonnha?"

Imma l-Vergni kienet diga' kwazi ghebet. Dora qamet f'daqqa u rat li l-arlogg kien jindika kwazi s-7 ta' filghodu. Dawk il-kelmiet baqghu stampati f'mohha.

Dora ippruvat li tirritorna ghar-rutina tas-soltu u hasset li f'qalbha kien hemm paci mhux tas-soltu. L-istatwa kienet ser tibqa'hemm mhux bi sfida, imma ghax xi hadd ser ikollu bzonnha.

Xahar wara l-laqgha, Diane ghebet, ma dehritix izjed. Il-karrozza ma kienitx fil-garage. Id-dar kienet mitfija ghal kollox. Il-gazzetti kienu jizdiedu jum wara l-iehor fuq it-targa tad-dar li jfisser li hadd ma kien qed jigborhom. Hadd ma kien jaraha gejja jew sejra. Dora hasbet li hija kienet ivvjaggat ghax-xoghol. Wara kollox l-avukati jivvjaggaw hafna. Wara gimgha Diane giet lura, mara totalment differenti, Ratha hierga mill-karrozza bil-mod qisu kull moviment taghha kien sforz kbir. Crieki skuri madwar ghajnejha, xaghraha mhabbel, hwejjigha imkemxin, ebda kelma ma qalet meta l-kelb ta' Mr Hawkins nebah jew meta rat il-gnien taghha mimli weraq mill-gnien ta' Mrs. Right, kollha kienu sinjali li Diane kienet mara mibdula ghal l-ahhar. Ghaddiet minn

quddiem id-dar ta' Dora bla ma harset lejn l-istatwa. Dahlet fid-dar u ghalqet il-bieb.

Dora fehmet li Diane kien gralha xi haga. U xi haga serja.

Gimgha wara, Dora kienet qed issaqqi l-gnien meta semghet xi ilhna. Diane kienet qed titkellem fuq it-telefon. It-tieqa kienet miftuha. "Iva naf li huwa l-aqwa sptar."

Dora nhasdet. "It-tabib qal li t-trattament ma kienx qed jahdem fuqu. Kollox ippruvaw. In-neputi tieghi, povru neputi John, ghad ghandu biss 6 snin."

Waqa' is-silenzju. "Ma nafx x'naqbad naghmel. Dejjem kont nafx x'ghandi naghmel tul hajti kollha, imma issa ma nafx". Dora semghet il-biki u l-ilfieq. In-neputi ta' Diane kien marid serjament. Dak in-nhar filghaxija Dora ma setghetx torqod. Baqghet tahseb fit-tifel u quddiem ghajnejha gew il-kliem tal-Madonna tal-holma. "Ikollha bzonnha." Tghid Diane hija l-persuna li jkollha bzonnha, dik il-persuna li ppruvat tnehhi l-istatwa mill-gnien tieghi? Il-mara li kienet tidher li kellha kollox taht il-kontroll taghha, u issa ma tistax tikkontrolla dak li kien l-aktar importanti.

Bhas-soltu qamet filghodu kmieni u b'kikkra kafe marret fil-gnien quddiem il-Madonna, nizlet gharkubtejha u talbitha ghat-tifel, in-neputi ta' Diane. "Vergni Marija hu hsieb it-tifel, Ipprotegih. Aghti s-sahha lill-familja u ndokra lil Diane."



Kuljum kienet titlob ghalihom, anke ghal Diane, dik il-mara li bekkietha fil-laqgha quddiem in-nies ta' l-inhawi, dik il-mara li qaltilha li wasal iz-zmien li nibdlu l-mentalita' taghna.

Dora talbet ghaliha ghaliex dak kien id-dmir li taghmel. Ma qalet lil hadd b'dan; kienet bejnha u bejn Marija Ssma. Xi jiem wara hasbet li taghmel lasanja kif kienet taghmilha ommha, poggietha go dixx u hallietha ma' nota fuq it-targa tad-dar ta' Diane. In-nota kienet tghid: Jiena qed nitlob ghan-neputi tieghek" u ma iffirmathiex ghaliex ma rieditx li Diane tkun taf li kienet hi. U kull gimgha kienet tvarja l-ikel, daqqa torta, ohra soppa etc. Diane qatt ma giet tistqarr il-hajr taghha. Wara kollox Dora qatt ma

ppretendiet ringrazzjamenti ghax dak li kienet taghmel ma’ Diane kienet taghmlu ghax taf li kienet mara li dak il-mument riedet min jikkonslaha u mhux min jabbandunaha ghad-disperazzjoni. Pero’ Dora kienet taf li kienet qed tigbor l-ikel ghaliex kienet taraha mit-tieqa.

Jum wiehed Dora rat xi haga li qatt ma kienet tistenna. Diane kienet fil-gnien izzomm wahda minn noti li Dora kienet hallietilha ma’ l-ikel. Diane kienet qed tikbi, biki ta’ wahda li ghejjiet tbati, ma tiflahx aktar iggorr is-salib. Dora fehmet li dak l-ikel kien ifisser li xi hadd kien jimpurtah minnek, li inti ma intix wahdek. U Diane kellha bzonn tisma’ xi haga simili. Il-gimghat ta’ wara kienu l-aktar iebsa. Dora semghet meta tkellmet mal-girien li Diane kienet prattikament tghix l-isptar. In-neputi taghha mar ghal l-aghar. It-tifla ta’ Diane, jigifieri, omm it-tifel, halliet ix-xoghol taghha biex tkun dejjem mat-tifel. Il-familja taghha kienet fi stat ta’ disperazzjoni. L-unika haga li setghet taghmel Dora kienet li zzid fit-talba taghha ghall-bzonnijiet taghhom. Il-Hamis filghaxija grat xi haga mhux mistennija.

Diane kienet ma’ gemb John, izzommlu idu fil-kamra fejn kien rikoverat, kamra mimlija strumenti. In-neputi taghha ghaddha minn operazzjoni ohra. Kien rieqed, mistrieh kuntrarju ghan-nanntu. Kienet ghajjiena mejta, ma tiflahx izzomm ghajnejha miftuha. Ghall-mument ghajnejha marret biha imma ma damitx wisq ghax riha tfuh ta’ ward qajmitha mir-raqda. Kienet riha qawwija bhalikieku xi hadd gab bukkett kbir ta’ fjuri friski. Harget fil-passagg

biex tara minn fejn kienet gejja r-riha tfuh li kull ma tmur kienet dejjem titqawwa. Imma xejn. Regghet dahlet hdejn neputiha u magembu tara mara liebsa mantel blu, wicc seren li ma stajtx tiddeskrivih, idejha t-tnejn miftuha fuq it-tifel, bhallikieku qed tixhet il-barka taghha fuqu.

Diane ma setghetx ticcaqlaq, ma setghetx tiehu nifs, ma setghetx tahseb. Kienet wieqfa hemm qisha statwa kiesha, ghajnejha miftuha berah, imma l-mara liebsa l-blu ma harsitx lejha. Hija iffukata harsitha fuq it-tifel. Diane kieku riedet titkellem izda ebda kelma ma harget minn halqha. Silenzju.

Imbaghad il-mara harset lejha b'harsa ta' kompassjoni, b'ghajnejn li riedu jghidulha u jizgurawha li kollox kien ser ikun sew. Diane teptpet ghajnejha u dak il-hin il-figura tal-mara liebsa l-blu ghebet, imma r-riha tal-ward baqghet fil-kamra. Inxehtet fuq il-pultruna, harset lejn neputiha u ratu rieqed seren. Kienet certa li xi haga sehhet. L-ghada filghodu t-tobba, wara li ezaminaw lit-tifel sabu li kien ghamel progress, li kiber u zdied aktar ma ghaddew il-jiem. It-tobba stqarrew li ma setghux joffru spejgazzjoni ghal dak li gara. It-tifel dejjem kien jghaddi 'l quddiem minn jum ghal l-iehor, hekk li wara tlett xhur minn mindu Diane rat lis-Sinjura liebsa l-blu, it-tifel intbaghat id-dar. U ghalkemm it-tobba ma setghu jaghtu ebda spjegazzjoni Diane kienet taf li kien hemm kelma wahda ghal dak li gara: Miraklu.

Wara l-maltemp jigi l-bnazzi. Hekk gara. Kollox intemm b'wicc il-gid. Imma le, kien ghad jonqos ghax il-pjan tal-

Madonna kien ghad irid ikun imwettaq fil-milja tieghu. Diane giet lura d-dar is-Sibt jum tar-Rebbiegha. Dahhlet il-karozza gewwa l-garaxx u baqghet fiha ghal tul ta' hin tahseb minn dak li ghaddiet minnu hija u bintha dawn l-ahhar xhur. Kemm trattament saru fuq it-tifel, kemm disperazzjoni, kemm iljieli minghajr irqad. U dak il-lejl fl-isptar fejn il-fwieha tal-ward minghajr il-presenza taghhom kienet wahda qawwija, il-mara liebsa l-mantell blu hdejn in-neputi taghha, harsitha tiltaqa' ma' taghha.... Ma kien hemm ebda dubju li dak li rat ma kienitx holma izda verita'.

Diane harget mill-karozza u mxiet lejn il-gnien tad-dar u waqfet. Dora kenet hemm gharkubtejha quddiem l-istatwa titlob bhal kull jum iehor. L-istess statwa li Diane riedet titnehha u li sejhitilha "li postha ma hux hemmhekk." L-istatwa kienet identika bhal dik li rat hdejn neputiha fl-isptar.

Diane stenniet lil Dora tispicca mit-talb. Meta Dora daret lura lemhet lil Diane wieqfa fejn ix-xatba tad-dahla tal-gnien. "Inti kont? Dawk in-noti u l-ikel?", staqsietha Diane.

Dora baxxiet darbtejn rasha bla ma lissnet kelma. "Ghaliex? Wara dak kollu li ghamiltlek?"

"Ghaliex xi hadd qalli biex ma ncedix," wegbitha Dora.

"Min?"

Dora daret lejn l-istatwa tal-Madonna, tbissment u ppuntat subghajha bhala risposta. Diane dahlet gewwa fuq

stedina ta' Dora. Kienet dar semplici minghajr xinxilli, imma mizmuma tajjeb u nadifa.

Dora hejjiet it-te u bicciet tal-kejk tal-laring u c-cikkulata. Waqt li kienu qed jiehdu t-te, Diane irrakontatilha l-grajja ta' neputiha John. Kemm kbew hija u bintha, kemm tbatija ghadda minnha John ghal l-interventi ta' spiss li kienu jaghmlulu.

"Hsibt li ser nirranga kollox. Jiena dejjem insib tarf ta' kull problema. Dak huwa xoghli li nsib soluzzjonijiet. Qatt ma tlift kawza." Imbaghad waqfet ghall-ftit. "Imma ma kien hemm ebda soluzzjoni. Ma kien hemm xejn li stajt naghmel, ma kelli f'mohhi ebda pjan. It-tobba wissewna li t-trattament kien wiehed twil u mhux bilfors ikollu success. Id-daqqa ta' stallet hadniha meta li l-kura kienet falliment." Id-dmugh beda' niezel ma' wicc Diane.

"Hassejt kollox jikkrolla madwari. Il-karriera, ir-reputazzjoni tieghi. Intlaqt mal-kurrent tad-disperazzjoni. Ma kien jimpurtani minn xejn aktar."

Imbaghad kellmitha dwar il-fwieha qawwija tal-ward u l-mara imlibbsa l-mantell blu hdejn is-sodda ta' John. "Qatt ma emmint f'dawn l-affarijiet. Hajti kollha kienet wahda bbazata fuq ir-raguni. Jiena ma nemminx f'dawn il-hwejjeg. Qatt ma emminthom. Jiena nfittex il-provi. Dora, jiena avukat, jiena nemmen fil-provi, fil-fatti, f'dak li nara u nqis biex nipprezenthom fil-Qorti. Imma dak li rajt, rajtu b'ghajnejja u ma nistghax immerih. Ma kienitx holma.

Kont f'sensija," temmet Diane. Ftit tas-skiet u hadd ma qal kelma. Kienet Dora li kisret dan is-silenzju.

"L-importanti li neputik huwa haj, qieghed id-dar. Mhux dak li xtaqt?"

Imbaghad wegbitha Diane, "Hajti kollha nikkontrolla kollox l-uniku zmien li verament kont bzonn l-ghajnuna, sibtha minn post li fih jiena ma kontx nemmen. Kif tista temmen f'xi haga li ma tistax tippruvaha?"

Dora waqfet tahseb ghall-mument, imbaghad qaltilha, "Il-Fidi kollox. Il-Fidi zzommni qawwija u shiha meta jiena ma ghandix sahha, il-fidi ggorrni maghha."

"Tista' tghallimni nitlob?" talbitha Diane.

Dora hargitha fil-gnien u t-tnejn waqqfu quddiem l-istatwa tal-Madonna. "Ma nafx x'ghandi naghmel? Qatt ma tlabt f'hajti hlief fi tfuliti."

"Tkellem biss qisek qed titkellem ma' habiba. Ghid dak li jigik f'mohhok dak il-hin," stqarritilha Dora.

"Habiba?" staqsietha Diane.

"Iva. Jiena hekk naghmel kuljum. Nitkellem mal-Madonna fuq hajti, fuq il-problemi u diffikulta' li niltaqa' maghhom matul il-jum."

Diane harset lejn l-istatwa tal-Madonna, hadet nifs 'l gewwa u lissnet dawn il-kelmiet: "Grazzi hafna. Ma nafx x'gara dak il-llej. Ma nafx jekk kienitx reali, imma grazzi ghan-nom tan-neputi tieghi. U ahfirli li habrikt biex

innehhik minn hawn." It-tnejn sellmu lil xulxin u Diane dahlet id-dar tghum f'paci kbira.

Bhal kull filghodu Dora kienet tinsab bil-kafe f'idha quddiem l-istatwa tal-Madonna, titlob quddiemha. Semghet vuci ssejhilha. "L-Ghodwa t-tajba," qalet Diane. Daret lura u lemhet lil Diane bi tbissima wara l-hajt li jissepara iz-zewgt idjar. Ma kienitx it-tbissima falza tas-soltu, izda wahda reali. "Lilek ukoll," wegbitha Dora.

It-tnejn saru hbieb. Tkellmu fuq it-temp sabieha tar-Rebbiegha u l-fjuri sbieh u varji li jgib mieghu dan l-istagun. Diane ma ghadiex il-mara li trid tikkontrolla kollox hi. Baqghet avukata, imma hemm xi haga mhux tas-soltu fiha, hemm certa kalma u paci li qabel kienu nieqsa fiha.

Dora thares lejn il-gnien ta' Diane u staghgbet mhux ftit. F'post prominenti kien hemm statwa tal-Madonna ezatt kif lemhitha fl-isptar. "Gdida?" staqsiet Dora.

"Iva," wegbitha Diane.

Dora hassitha kommossa u zewg demghat gelbnu ma' haddejha.

"Kien John stess li talabni biex impoggi statwa tal-Madonna liebsa mantel blu fil-gnien.

"Min jaf kemm irsistejt biex inti tnehhi dik l-istatwa, biex issa jiena ghandi wahda bhalha," qaltilha Diane bit-tbissima.

“Kultant il-persuna li tohodha kontra l-fidi hija l-aktar persuna li ghandha bzonnha.”

Dora qatt ma basret li r-rigal li kien taha zewgha kien ser ikun strumentali biex jibdel il-hajja ta’ xi hadd.

Diane qatt ma immaginat li l-garr taghha li hija tant ippruvat tbaxxi u tumilja, kienet il-persuna li titlob ghan-neputi taghha meta hadd iehor ma kellu ebda tama.

Li jghodd issa huwa li John, it-tifel ta’ sitt snin fieq u li z-zewg nisa li kienu ghedewwa saru hbieb mill-gdid.

Li jghodd issa huwa li fi triq ordinarja, bi djar ordinarji u nies ordinarji, grat xi haga straordinarja. L-istatwa tal-Vergni Marija baqghet hemm fejn kienet fil-gnien ta’ Dora, u issa flok wahda hemm tnejn fit-triq. L-ohra fil-gnien ta’ Diane.

Il-hajt li kien jifred iz-zewgt id-djar li fihom kienu joqghodu zewg ghedewwa, issa jisseppara zewgt ihbieb.

Il-pjan ta’ Marija Ssma twettaq u ntemm kollu.